# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 469**

**It-Tnejn 21 ta' Novembru, 2016**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.50 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Domenic Agius – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Joseph Agius (Is-Sway) – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Brian Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici ppresieda l-laqgħa.

**469.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

469.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Brian Spiteri. ~~u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija~~. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Spiteri jkun skużat. (Emendat)

**469.2Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

469.2.1 Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-għaxar paragrafu ta' paġna 433 u minflok il-kliem 'is-Sur Mark Grech*'* jidħol il-kliem 'is-Sur John J Pace'.

469.2.2 Il-minuti tal-468 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**469.3Komunikazzjoni mis-Sindku**

469.3.1 Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin kien ser jinbeda xogħol ta' titjib fi Ġnien Tamara Psaila, liema xogħol ser isir mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar ta' Malta b'nefqa ta' madwar €65,000.

469.3.2 Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent, Triq Hompesch u Triq iċ-Ċawsli kien ser jinbeda fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku qal ukoll illi kienu twaħħlu t-tabelli fuq il-post biex jinfurmaw lill-pubbliku b'dan ix-xogħol.

469.3.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi t-tabelli li twaħħlu fi Triq Hompesch, fil-viċinanzi tal-Istitut Dar Sagra Familja, kienu ta' periklu peress illi twaħħlu fil-baxx u kienu qed jingumbraw il-bankina.

469.3.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza kunċert annwali tal-Milied flimkien mas-Soċietà Filarmonica Maria Mater Gratiæ nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru, 2016 fis-Sala Notre Dame, liema spiża ser tiswa €1,160.

469.3.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa fl-inizjattiva ambjentali tal-WEEE Malta u jitpoġġa WEEE *trollie* fi Triq iċ-Ċawli, fl-għalqa faċċata tal-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, bil-għan li l-pubbliku ikun jista' jarmi materjal tal-elettriku u l-elettronika żgħira ta' mhux iktar minn 40cm.

469.3.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jsir it-tiżjin tal-Milied fit-toroq ta' Ħaż-Żabbar minn soċjetajiet lokali.

469.3.7 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-siġra tal-Milied tintrama f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

469.3.8 Is-Sindku talab lill-Kunsillieri sabiex iressqu mozzjoni bil-miktub meta tkun ser issir talba għal xogħol infrastrutturali.

**469.4Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

469.4.1 Is-Sur John J Pace qal illi kien issottometta l-applikazzjoni tal-Kunsill bin-nomina tas-Sur Alan Buhagiar għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2016 imtella' mill-Moviment Kerygma.

469.4.2 Is-Sur Mark Grech qal illi kien tkellem ma' uħud mill-għalliema kif ukoll mas-Surmast tal-Iskola Primarja A, Ħaż-Żabbar dwar il-proġett tal-Inizjattiva Finanzjarja – *Stronger Commmunities : Literacy Projects at Local Level.* Is-Sur Grech qal illi ma kienx għad fadal żmien biżżejjed sabiex il-Kunsill jipparteċipa f'din l-inizjattiva u għalhekk kienet qed tiġi diskussa l-possibilità li flimkien mal-Iskola Primarja A, Ħaż-Żabbar jiġi organizzat proġett simili għall-istudenti li ma jafux jaqraw.

469.4.3 Is-Sur Joseph Bonnici qal illi x-xogħol ta' tindif tas-*soft areas* li hemm fil-*Housing Estate* kien għadu ma sarx. Is-Sur Bonnici qal ukoll illi l-ħaddiema responsabbli mill-manutenzjoni tas-*soft areas* kienu qed ineħħu ċ-ċint tas-*soft areas* u dan iċ-ċint jitħalla mwaqqa' anke wara li tinħarat il-ħamrija.

469.4.4 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lil Transport Malta sabiex issir *zebra crossing* fi Triq il-Vittorja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi estiża t-*traffic island* eżistenti u ssir *zebra crossing* f'din il-parti tat-triq.

469.4.5 Is-Sur Joseph Agius reġa' talab li tiġi rranġata l-bankina ta' Triq Strickland peress illi kienet ta' periklu.

469.4.6 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill jistax jitlob depożitu ta' flus f'każ li persuna titlob awtorizzazzjoni li tiddepożita krejnijiet u makkinarji oħra fit-triq. Is-Sinjura Calleja qalet illi wħud mill-kuntratturi kienu qed iħallu l-bankina mkissra wara li jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni.

469.4.7 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani fil-15 ta' Diċembru, 2016.

469.4.8 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien ser jorganizza *buffet breakfast* mingħajr ħlas għall-persuni b'diżabilità fil-5 ta' Jannar, 2017. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport għal din l-attività.

469.4.9 Is-Sur Joseph Vella qal illi s-Sur Matthew Vassallo ma kienx aċċetta l-kariga ta' Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ. Fuq proposta tas-Sur Vella li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinnomina lis-Sur Raisac Schembri għall-kariga ta' Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

469.4.10 Il-Viċi-Sindku talab sabiex il-Kunsill jikteb lil Transport Malta u jitlob li tiġi rranġata Triq San Leonardu peress illi snin ilu kien sar xogħol ta' konkos b'mod temporanju mill-kuntrattur Central Asphalt Limited fuq ordni tal-Awtorità Dwar it-Trasport, bil-konsegwenza li l-konkos inqala' u fit-triq kien hemm ħafna ħofor kbar u ta' periklu.

469.4.11 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kien ser isir l-arblu tal-bandiera li kien tkisser bir-riħ f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienet ser tingħata stima.

469.4.12 Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata kompetizzjoni għall-isbaħ tiżjin matul il-ġranet tal-Milied u tal-ewwel tas-sena.

469.4.13 Is-Sur John J Pace ppropona li jsiru xi *spotlights* jew *floodlights* sabiex ikun hemm dawl adegwat fuq il-palk fis-sala tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Agius issekonda u kulħadd qabel.

469.4.14 Is-Sur John J Pace qal illi fil-21 ta' Diċembru 2016 kienet ser tiġi organizzata l-attività Merħba lix-Xitwa flimkien mal-Kunsill Ċiviku.

469.4.15 Is-Sur Mark Grech qal illi kienet inħarġet Ċirkulari mid-Dipartiment tal-Kuntratti relatata mal-iskala tas-salarju tal-ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' knis. Is-Sur Grech qal illi l-kuntratti għas-servizz ta' knis, li waslu fl-aħħar terminu tagħhom, għandu jinħareġ *tender* ġdid.

469.4.16 Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-laqgħa li saret fit-12 ta' Novembru dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena finanzjarja 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv, li kien attenda għal din il-laqgħa flimkien mas-Sur Joseph Agius (Is-Sway), informa lill-Kunsill b'dak li ntqal f'din il-laqgħa fosthom dwar l-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena 2017.

**469.5Korrispondenza dwar proposta ta' *Car Park* f'Ħaż-Żabbar**

469.5.1 Is-Sindku qal illi kif kien ġie deċiż il-Kunsill kien oġġezzjona għall-proġett propost sabiex isir *car park* fi Ġnien il-Kunsill.

469.5.2 Inqrat korrispondenza mibgħuta mingħand is-Sur Roderick Caruana, konsulent ta' Transport Malta relatata mal-proposta sabiex isir *car park* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u l-Kunsill ġie mitlub jagħti *feedback* preliminarju qabel ma jsir xogħol ta' disinji tal-proġett propost.

469.5.3 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ma setax jagħti *feedback* kif jixtieq jekk ma jkollux kopja tad-disinji tal-proġett propost.

469.5.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament mal-kunċett li jsir *car park* sakemm il-Monument tal-Gwerra ma jintmisx.

**469.6Korrispondenza dwar il-Premju Frans Sammut**

469.6.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill regoli u linji gwida relatati mal-premju Frans Sammut. Fuq proposta tas-Sur Domenic Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jipproponi lis-Sur Alfred Palma sabiex jiġi nnominat għall-Premju Frans Sammut.

**469.7Performance Bonus tal-Impjegati**

469.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*appraisal report* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2016. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill Stephanie Testaferrata de Noto, Mary Rose Caruana, Charlene Saliba, Naomi Agius u Maria Livori jieħdu l-massimu (6%) tal-*performance bonus*.

469.7.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-massimu (10%) tal-*performance bonus* għas-sena 2016.

469.7.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto, is-Sinjorina Mary Rose Caruana u s-Sinjorina Charlene Saliba li talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex iġġeddu numru ta' siegħat mil-*leave entitlement* tagħhom għas-sena 2016 u dawn is-siegħat jiġu akkumulati mal-*vacation leave* għas-sena 2017. Dawn is-siegħat jikkonsistu f'kif ġej: Stephanie Testaferrata de Noto 65.75 il-siegħa, Mary Rose Caruana 18 il-siegħa u Charlene Saliba 64 il-siegħa. Dan peress li minħabba esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibli għalihom jagħmlu użu sħiħ mill-*vacation leave* kollu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tal-impjegati.

469.7.4 Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Skrivan/a – Skala 15. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjorina Naomi Agius, li kienet l-unika mpjegata li applikat għal din is-sejħa nterna, hija idoneja għal din il-kariga u għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill f'dan ir-rigward. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Naomi Agius issa tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala Skrivan/a - (Skala 15) u ma tibqax iżjed bħala mpjegata fuq bażi *back-to-back*.

**469.8Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

469.8.1 Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Novembru 2016 u l-21 ta' Novembru 2016 li kienet tammonta għal €58,335.23.

**469.9Mozzjonijiet**

469.9.1 Ma ġewx imressqa mozzjonijiet bil-miktub.

**469.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

469.10.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru, 2016.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-470 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru, 2016.

**IFFIRMATA**

Marc Vella Bonnici
Sindku